

Applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3), tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, ta' deċiżjonijiet u ta' prattiki miftiehma bejn kumpaniji tat-tbahir tal-linja ("consortia") (verżjoni kodifikata) *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' April 2008 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3)tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' ftehimiet, ta' deċiżjonijiet u ta' prattiki miftiehma bejn kumpaniji tat-tbahir tal-linja ("consortia") (verżjoni kodifikata) (COM(2007)0753 – C6-0475/2007 – 2007/0265(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni – kodifikazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2007)0753),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 83 tat-Trattat KE, skond liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0475/2007),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali ta' l-20 ta' Diċembru 1994 - Metodu ta' ħidma aċċellerat għall-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 80 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A6-0089/2008),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-grupp konsultattiv tas-servizzi legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.
 2. Jagħti istruzzjoni lill-President tiegħu li jressaq il-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.